MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 696/2008

Joseph u Stella konjugi Galea.

Vs

Clayton Bugeja.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qedin jitolbu l-hlas minghand il-konvenut tas-somma ta’ erba mija u hamsa u sebghin Ewro (€475) in linea ta’ danni minnu kkagunati fuq il-parapett u l-bieb ta’ barra tal-proprjeta’ taghhom, kollox skond kif il-konvenut ammetta quddiem il-Qorti tal-Magistrati, Malta, wara li kien akkuzat talli fis-19 ta’ Gunju 2008, ikkaguna hsara volontarja fil-proprjeta’ tal-atturi, skond stima mahruga minn B. Grima and Sons Limited. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Awissu 2008, u bl-imghax legali minn dik id-data sal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' erba mija u hamsa u sebghin Ewro (€475), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------